# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Gunju 2018**

**Talba Nru: 115/18 CZ**

**Arnold Paris (ID 407669 (M)**

**vs.**

**Nancy Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fis-27 ta' Marzu 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) ghas-segwenti ragunijiet:

Fl-10 t'Ottubru 2017 sar ftehim bejn (Dok. A) l-attur u l-konvenuta. Il-konvenuta qablet li tixtri affarijiet ta' hair salon minghand l-attur bil-prezz ta' tlett'elef u tmin mitt Euro (€3,800), fejn elf u hames mitt Euro (€1,500) thallsu lill-attur fl-istess gurnata filwaqt li l-kumplament kellhom jithallsu f'rati mensili ta' tliet mitt Euro (€300) li kellhom jibdew jithallsu mill-ahhar t'Ottubru 2017. L-ebda pagament ma sar u ghaldaqstant l-elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) ghadhom dovuti. Ghalhekk l-attur itlob ghall-bilanc tal-prezz ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300), l-ispejjez ta' l-ittra legali tas-17 ta' Jannar 2018 u bl-imghaxijiet kummercjali minn Ottubru 2017 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur